# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA PRIMARJA 200

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: Siegħa**

Isem ____________________________

Klassi _________________

TOTAL TAL-MARKI ☐

**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ**:

- Imla ismek u l-klassi.
- TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## A: AQTA’ SING TAĦT IT-TAJBA.

1. Marija ma tistax tifhem kif tinħadem somma. X’għandha tagħmel?
   (a) tistaqsi lill-pulizija
   (b) twaqqaf *warden* u tistaqsih
   (ċ) tistaqsi lill-għalliema
   (d) tfittex fuq enċiklopedija (1)

2. Frida ilha jumejn b’daharha juġagħha. X’għandha tagħmel?
   (a) tgħid lil sħabha tal-iskola
   (b) tmur iċ-Ċentru tas-Saħħa u tara tabib
   (ċ) tfittex fuq il-kotba
   (d) tieħu mediċina li ssib fuq l-ixkaffa tal-kamra tal-banju (1)



3. In-nannu ta’ Fredu ilu ħmistax ma joħroġ barra għax marid. Jixtieq imur il-knisja imma ma jistax. Fredu kif jista’ jgħin lin-nannu?
   (a) ikellem lil taż-żebgħa
   (b) jgħid lill-għalliem
   (ċ) ikellem qassis
   (d) ikellem lill-mexxej tal-*iscouts* (1)

4. Rożi toqgħod waħedha. Semgħet ħsejjes mhux tas-soltu ġejjin minn fuq il-bejt tad-dar tagħha. X’għandha tagħmel Rożi?
   (a) iċċempel lill-kappillan
   (b) iċċempel lill-pulizija
   (ċ) tissakkar fil-kamra tas-sodda
   (d) tixgħel it-televixin (1)

5. Wara li għamlet ħafna xita, it-triq tagħna mtliet kollha ħofor. X’nista’ nagħmel?
   (a) inkellem kunsillier
   (b) inkellem *warden*
   (ċ) inkellem lill-pulizija
   (d) ngħid lis-surmast (1)

6. Ħija ħareġ bil-karozza u sakemm għalaq il-bieb tal-garaxx karozza oħra ħabtet mal-karozza tiegħu. Ħadd ma weġġa’ imma l-karozza għandha l-ħsara. X’għandna nagħmlu?
   (a) inċemplu lis-surmast tal-iskola
   (b) inċemplu lill-*warden*
   (ċ) nibagħtu għat-tabib
   (d) nibagħtu għas-sindku (1)

(Total tal-Eżerċizzju A = 6 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B:** Dawn li ġejjin kienu t-temperaturi mkejla f'nofsinhar ta' kull ġurnata tal-ewwel ġimgħa ta' Frar. Uża t-tabella biex tikteb **VERU** jew **FALZ**.

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGĦA | IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT | IL-ĦADD |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15° C | 20° C | 20° C | 10° C | 17° C | 21° C | 19° C |

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Is-Sibt għamlet l-iktar sħana mill-ġimgħa kollha. | |
| 2 | Il-Ħamis kien iktar ksieħ mill-Ġimgħa. | |
| 3 | Is-Sibt kien iktar ksieħ mill-Ħamis. | |
| 4 | Il-Ħadd kien jum iktar sħun mis-Sibt. | |
| 5 | It-Tnejn kien iktar bard mit-Tlieta. | |
| 6 | Il-Ħamis kien iktar bard mill-Erbgħa. | |
| 7 | L-Erbgħa ma kienx bard daqs il-Ħamis. | |
| 8 | It-Tlieta u l-Erbgħa, it-temperatura kienet l-istess. | |



(8 marki)

**Ċ:** **Kif tħossok f'dawn iċ-ċirkostanzi?**

Agħżel mill-kliem mogħti; kull kelma għandha tintuża darba biss.

*mdejjaq, maħsud, ħosbien, irrabjat, muġugħ, ferħan*

1. Għal għeluq sninu, omm Peter għamlitlu kejk miksi biċ-ċikkulata. Oħtu Rita xtratlu rigal sabiħ. Peter ħassu ______________________________ . (1)
2. Il-bieraħ mietet in-nanna ta' Bertu. In-nanna kienet ilha sitt xhur l-isptar. Bertu ħassu ______________________________ . (1)
3. Waqt logħba futbol fil-bitħa tal-iskola Ġanni waqa' u weġġa' sieqha. Ġanni ħassu ______________________________ . (1)



4. Meta daħal fil-klassi Ġużi sab l-imwejjed maqluba u ċ-ċarts kollha mal-art. Ġużi ħassu ______________________________ . (1)
5. Ħarġu r-riżultati tal-eżamijiet; ta' kuħadd wasal imma ta' Peppi ma ġiex. Peppi ħassu ______________________________ . (1)
6. Sandro sema' li ħabibu Marjo gideb kontrih. Sandro ħassu ______________________________. (1)

(6 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D**. **Aqra, imbagħad ikteb**:



Fil-vaganzi tal-Għid, Ms Muscat organizzat ħarġa għat-tfal tal-Ħames Sena. Marru f'dar tal-anzjani li tinsab qrib l-iskola. Ikteb **żewġ tagħlimiet** li jistgħu jitgħallmu l-istudenti minn żjara bħal din.

- **tagħlima 1**: ______________________

  ______________________________________

  ______________________________________ (2)

- **tagħlima 2**: ______________________________________

  ______________________________________

  ______________________________________ (2)

(4 marki)

**E: Il-Lingwa Maltija**:



Immarka bis-sinjal (**X**) liema minn dawn li ġejjin nistgħu ngħiduhom għal-lingwa tagħna.

Numru 7 hija lesta bħala eżempju. B'kollox għandek issib **erba'** oħra.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Trebbaħna l-midalji fil-logħob Olimpiku. | |
| 2 | Biha ningħarfu ta' liema pajjiż aħna. | |
| 3 | Bil-Lingwa Maltija nħajru turisti Ġermaniżi jiġu jżuru Malta. | |
| 4 | Tintuża ħafna biex ngħaddu messaġġi fil-*mass media*. | |
| 5 | Biha nitkellmu mal-preżentaturi tal-istazzjonijiet tar-radju barranin. | |
| 6 | Bil-lingwa nikkomunikaw bejnietna. | |
| 7 | Il-lingwa hija l-karatteristika ewlenija tal-identità tagħna bħala Poplu u Nazzjon. | **X** |
| 8 | Hija mezz biex niktbu u naqraw. | |
| 9 | Biha naqtgħu l-ġebel mill-barrieri. | |
| 10 | Bil-Lingwa tagħna nixtru prodotti mill-Italja. | |

(4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F: **Ċetting – Aqra dan li ġej; imbagħad wieġeb**.

*Fabio jgħix qrib Ruma fl-Italja. Fredu jgħix ir-Rabat Malta.*




**Aqra**: Fabio u Fredu sikwit jiċċettjaw fuq l-Internet. Isma' l-bidu ta' din id-diskursata li kellhom dan l-aħħar bejniethom.

Meta jiċċettjaw it-tfal jużaw il-lingwa Ingliża. Id-diskursata ġiet maqluba għall-Malti.

Fabio: Il-bieraħ spiċċajna l-lezzjonijiet kollha; issa jibdew l-eżamijiet.
Fredu: Aħna baqgħalna ħmistax oħra sal-eżamijiet.

Is-sentenzi li ġejjin huma dwar ir-rwoli tagħna f'pajjiżna u barra minn pajjiżna. Ikteb in-numri minn 1 sa 6 fil-kolonna vojta tan-nofs biex tifforma sentenzi bis-sens.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Fredu | | jikkomunikaw bejniethom permezz tal-Internet. |
| 2 | Fabio | | iwassalna biex nedukaw ruħna dejjem iktar. |
| 3 | Fabio u Fredu | | huwa ċittadin Malti. |
| 4 | Meta nagħmlu ħbieb barranin | | nistgħu nixtru prodotti mingħand xulxin. |
| 5 | Permezz tal-Internet | | huwa ċittadin Taljan. |
| 6 | L-użu tajjeb tal-Internet | | inkunu qed ngħinu lill-pajjiżi biex jersqu iktar lejn xulxin. |

(6 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ġ: (i) Agħżel it-tweġiba t-tajba**.

a. (Tundra, Foresta, Xmara, Xagħri) huwa post fejn siġar u pjanti ma jikbrux minħabba l-kesħa li tagħmel kważi s-sena kollha.
b. Ġo (foresta, xagħri, deżert, frost) insibu art fejn ma tagħmel qatt jew kważi qatt xita.
ċ. Biex il-ħamrija tagħtina ħafna frott, huwa importanti li (jinżlu l-borra u s-silġ, ma tagħmel xita qatt, tagħmel xita bil-qies, tinżel ħafna xita f'daqqa).
d. Meta tinżel ħafna xita f'daqqa, din tista' tikkawża (għargħar, iktar xita, terremot, r-ragħad). (4)

(ii) Ikteb fil-qosor dwar il-ħsara li jista' jġib miegħu TERREMOT.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

(Total tal-Eżerċizzju Ġ = 7 marki)

**G:** Għal kull waħda minn dawn li ġejjin ikteb **TAJJEB** jew **ĦAŻIN**. Imbagħad għid GĦALIEX. Ħares lejn l-eżempju mogħti.

**Eżempju**: Meta nisma' r-radju, inżomm il-volum tiegħu baxx.
Tweġiba: **<u>TAJJEB</u> / ĦAŻIN**
Għaliex? Ma għandniex indejqu lil ta' madwarna bi storbju żejjed.



1. Meta mmorru passiġġata fil-kampanja ma nħallux żibel warajna.

Tweġiba: **TAJJEB / ĦAŻIN** (1)

Għaliex: ______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Fuq il-bandli jista' jitla' kulħadd, kbar u żgħar.



Tweġiba: **TAJJEB / ĦAŻIN** (1)

Għaliex: ____________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (2)

3. Għandna nilbsu s-*seatbelt*, anke meta nirkbu fuq wara tal-karozza.



Tweġiba: **TAJJEB / ĦAŻIN** (1)

Għaliex: ____________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (2)

(Total tal-Eżerċizzju G = 9 marki)

## GĦ: **Aqra, imbagħad wieġeb**.

**Aqra**: fl-istampa tidher il-bajja ta' Marsaxlokk. Fuq ix-xatt jidhru ħafna xbieki.



1. Ta' min taħseb li huma dawn ix-xbieki?

____________________________

____________________________ (1)

2. Għalfejn taħseb li jintużaw dawn ix-xbieki?

____________________________________________ (1)

3. Għaliex taħseb li dawn ix-xbieki qegħdin mifruxin mal-art?

____________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Ikteb sentenza dwar x'għandu x'jaqsam Marsaxlokk mas-sajd.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

5. Ikteb raġuni waħda għaliex is-sajjieda huma importanti għal Malta.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

6. Semmi metodu wieħed kif jista' jinqabad il-ħut mis-sajjieda.

______________________________________________________________ (2)

7. Sjega fi ftit kliem id-differenza bejn sajjied *part-time* u sajjied *full-time*.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

**Aqra**: Fl-istampa jidher it-Torri ta' San Luċjan, mibni mill-Kavallieri ta' San Ġwann u li qiegħed Marsaxlokk. Il-Kavallieri bnew dan it-torri biex jiddefendu l-bajja ta' Marsaxlokk mill-ħallelin tal-baħar.
Illum it-torri ta' San Luċjan jintuża għal skop differenti.



**Wieġeb**:

8. Għalfejn jintuża t-Torri ta' San Luċjan illum?

______________________________________________________________ (2)

9. Semmi prodott li jsir hawnhekk biex wara jinbiegħ fis-suq.

______________________________________________________________ (2)

(Total tal-Eżerċizzju GĦ = 15-il marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**H: (i) Mil-lista li ġejja, ikteb ix-xogħlijiet li għandhom <u>rabta diretta</u> turiżmu. B'kollox għandek issib <u>sitta</u>.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| kok f'restorant | għalliem | wejter f'bar Buġibba | pulizija |
| skrivan | gwida | aġent tal-ivvjaġġar | mastrudaxxa |
| xufiera tat-taxis | sindku | xufier tal-kowċis | bennej |

1. ______________________ 2. ______________________

3. ______________________ 4. ______________________

5. ______________________ 6. ______________________

(6 marki)

**(ii) Aqra:** Meta t-turisti jiġu Malta, fost affarijiet oħra, iħobbu jżuru l-festi li l-Maltin jorganizzaw fil-bliet u fl-irħula.



**Wieġeb**:

Minbarra li jmorru jaraw il-festi tal-qaddisin, semmi żewġ affarijiet oħra li t-turisti jħobbu jagħmlu meta jiġu fil-Gżejjer Maltin:

1. ________________________________ (1)

2. ________________________________ (1)

**(iii) Aqra**:



Fl-istampa jidhru grupp ta' turisti qegħdin igawdu dawra bid-dgħajsa ma' wieħed mix-xtut li għandna Malta.

**Ikteb paragrafu fuq is-suġġett li ssib fil-paġna li ġejja**.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Ikteb paragrafu dwar:

**Kif nistgħu aħna t-tfal Maltin u Għawdxin nagħtu s-sehem tagħna biex aktar turisti jżuru l-Gżejjer Maltin.**

StudentBounty.com

____________________________________________________________________________ (5)

(Total tal-Eżerċizzju H = 13-il marka)

## Ħ: Agħżel it-tweġiba t-tajba.



1. L-Imdina nbniet (fuq għolja, fuq art baxxa, maġenb il-baħar, ħdejn il-portijiet).
2. Il-Katidral ta' Malta qiegħed (il-Birgu, l-Imdina, il-Belt Valletta, il-Furjana).
3. Fl-Imdina nistgħu nżuru (Palazzo Falson, il-Forti Sant'Jiermu, il-Palazz tal-Gran Mastru, il-pixkerija).
4. It-Torri tal-Istandard nistgħu narawh (l-Imdina, il-Belt Valletta, is-Siġġiewi, il-Mellieħa).
5. Fil-Birgu nistgħu naraw (il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Kastell Sant'Anġlu, it-Torri tal-Istandard, id-Dar Normanna).
6. Fiż-żminijiet medjevali l-Għawdxin kienu jistkennu (fir-Rabat, fin-Nadur, fl-Imġarr, fiċ-Ċittadella) waqt xi attakk mill-pirati.
7. Iċ-Ċittadella hija mdawra (bil-baħar, bil-palm, bis-swar, bis-siġar taż-żebbuġ).

(7 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## I. L-IMDINA



L-Imdina taż-żminijiet medjevali ma kinitx kollha l-istess bħalma nistgħu narawha llum. Xi affarijiet **inbidlu** filwaqt li oħrajn **baqgħu l-istess**.

Immarka bis-sinjal **X** jekk dawn li ġejjin baqgħux l-istess jew inbidlu.

| | | L-ISTESS | INBIDLET |
|---|---|---|---|
| Eżempju | *Belt kapitali ta' Malta* | | X |
| 1 | toroq dojoq | | |
| 2 | imdawra bis-swar | | |
| 3 | jiltaqa' l-Kunsill Popolari li kien il-Gvern ta' Malta | | |
| 4 | insibu l-Katidral | | |
| 5 | iżuruha ħafna turisti | | |

(5 marki)

## J: X'turina l-ġrajja ta' Monroy?

(*Fl-istampa tidher l-arma tal-familja ta' Monroy*)



Aqra dawn li ġejjin.
Biċċa minnhom tajbin, oħrajn huma ħżiena.

| | |
|---|---|
| 1 | Il-Maltin ma kellhom drittijiet ta' xejn. |
| 2 | Il-Maltin kienu jmexxu lilhom infushom. |
| 3 | Il-Maltin kienu jagħmlu li jridu fit-tmexxija ta' pajjiżhom. |
| 4 | Il-ħakkiema tal-Maltin kważi qatt ma taw kas it-tbatija tal-poplu. |
| 5 | Il-Maltin minn dejjem kienu kapaċi jagħmlu sagrifiċċji kbar għal pajjiżhom. |

Issa, minn dawn il-ħames sentenzi, ikteb **tnejn** tajbin fil-vojt li ġej:

(a)________________________________________ (1)

(b)________________________________________ (1)

(2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**K: Aqra dan li ġej; imbagħad wieġeb.**



Hemm ħafna stejjer marbuta mal-Logħob Olimpiku. Jesse Owens kien atleta Amerikan li rebaħ erba’ midalji tad-deheb fil-logħob tal-1936. Jesse kellu għaxar ħutu oħra u kien ta’ ġilda skura. Ommu semmietu J.C. imma wieħed mill-għalliema beda jgħajjatlu Jesse.

Il-mexxej tal-Ġermanja, Hitler, ma ħax gost li Jesse rebaħ erba’ midalji. Hitler kien jemmen li r-razza Ġermaniża kienet l-aqwa razza u allura ma setax jifhem kif atleta ta’ ġilda skura bħal Jesse Owens kien rebħilhom. Hitler lanqas ried jeħodlu b’idejh lil Owens.

Ġewwa l-Amerika ċ-ċittadini ta’ ġilda skura kienu meqjusa bħala xi ħaġa inqas miċ-ċittadini l-oħra. Meta Jesse mar lura l-Amerika, rebbieħ ta’ erba’ midalji, lanqas tħalla juża *lift* billi dan seta’ jintuża biss mill-bojod. Illum l-Amerika għamlet passi ’l quddiem u issa għadu kif ġie elett anke l-ewwel president ta’ ġilda skura. Dan hu Barak Obama li ġie elett president tal-Istati Uniti fis-sena 2008.

1. Kull meta jsir il-Logħob Olimpiku? ________________________ (1)
2. Fejn kien isir fl-antik ħafna? ______________________________ (1)
3. Jesse Owens ħa erba’ midalji tad-deheb. Għaliex taħseb li ħadhom dawn l-erba’ midalji? ________________________________________________ (1)
4. X’kien jismu dak li organizza l-Olimpjadi moderni wara li ma kinux baqgħu jsiru? ________________________________________________ (1)
5. Agħti raġuni għaliex l-Olimpjadi huma importanti għad-dinja.
   ________________________________________________ (2)
6. Agħti raġuni għaliex l-isport huwa importanti.
   ________________________________________________ (2)

(8 marki)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers